MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 1090/2008

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

**Mario Pisani**

1. F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi l-konvenut irodd mija u tnejn u ħamsin elf, disa' mija u tmienja u sittin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€152,968.99) bilanċ ta' self magħmul lilu, billi qiegħda tgħid illi seħħew il-kondizzjonijiet biex tista' titlob il-ħlas lura tal-bilanċ kollu tas-self. L-attriċi qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra uffiċjali tat-2 t'April 2007 u tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat flimkien mar-rikors maħluf, u l-imgħaxijiet mill-31 ta' Ottubru 2008 sa meta jsir il-ħlas.

2. Il-konvenut, għalkemm notifikat bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, ma ressaqx eċċezzjonijiet fiż-żmien li tagħti l-liġi u lanqas deher għas-smigħ tal-kawża. Iżda, wara li ngħata fakoltà li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub kif igħid u jrid

l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għamel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar it-talbiet tal-attriċi b’nota tad-9 ta’ Frar 2010.

3. Mix-xiehda mressqa mill-attriċi jidher illi tassew illi l-konvenut għandu jagħti daqskemm mitlub fir-rikors maħluf, u illi l-bilanċ tas-self għandu jintradd minnufih. Il-konvenut, fin-nota tiegħu tad-9 ta’ Frar 2010, ma jiċħadx li għandu jagħti daqskemm qiegħda titlob l-attriċi, iżda jgħid illi waqa’ lura fil-ħlas għax in-negozju tiegħu ntlaqat minn ġrajjiet li ma kellux kontroll fuqhom u kellu jagħlaq. Għamel ukoll offerta biex ikompli jħallas bin-nifs.

4. L-osservazzjonijiet tal-attur, għalkemm jistgħu jkunu ta’ relevanza kummerċjali għad-deċiżjoni tal-attriċi jekk tgħaddix minnufih għall-esekuzzjoni tas-sentenza jew tħallix illi l-konvenut iħallas bin-nifs, ma tibdilx il-pożizzjoni legali. Il-qorti ma għandhiex is-setgħa li tidħol f’deċiżjonijiet purament kummerċjali tal-attriċi, u għalhekk ma tistax ma tilqax it-talbiet kif magħmula.

5. Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tilqa’ t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi mija u tnejn u ħamsin elf, disa’ mija u tmienja u sittin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€152,968.99), flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------